MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1233/2000/1

**Anthony u Rosella konjugi Darmanin**

**Vs**

**Philip Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni illi sehhet fis-26 ta’ Jannar 2000 gewwa 5th October Square, Msida bejn il-karozza tal-linja Leyland bin-numru ta’ registrazzjoni EBY-598 misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Rover bin-numru ta’ registrazzjoni EAX-068, propjeta’ tal-atturi u misjuqa minn Rosella Darmanin u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess atturi.

2. tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma ta' hames mitt Lira maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm500.81) jew somma ohra verjuri illi tista tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3. jikkundanna lill-konvenut sabiex ilhallas lill-atturi s-somma ta' hames mitt lira Maltin u wiehed u tmenin centezmi (Lm500.81) jew somma verjuri illi tista' tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti d-danni minnu kawzati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk, tal-konsult (Lm10), tal-ittra bonarja mibghuta lill-konvenut fl-24 ta' April 2000, u dawk tal-ittra gudizzjarja prezentata mal-avviz ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-imsemmija ittra sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 4 tal-atti) illi:

1. L-ewwel talba tal-atturi ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikment tort tal-attrici Rosella Darmanin.

2. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi.

3. Fi kwalunkwe kaz, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni minnhom materjalment u attwalment subiti bhala konsegwenza tal-kollizjoni de quo.

4. Anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihalas danni lill-atturi.

5. Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas tal-imghax legali kif dedotta ghandha tkun respinta billi

dan l-imghax ghandu – *se mai* – jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

6. Salvi eccezzjonjiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident gara fil-vicinanzi tal-Monument tal-Haddiem fil-Wied tal-Imsida kif jidher mill-iskizz (fol 18) maghmul minn PS 1373 John Micallef (fol 12 et seq ibid) li investiga dan il-kaz. In rigward l-istess skizz, hu sostna li fuqu "hemm rifless kif sibt il-vetturi meta wasalt fuq il-post tal-incident". Inoltre fir-rapport anness a fol 20, hemm imnizzel, b'mod konciz ghall-ahhar, dak li qalulu s-sewwieqa involuti f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 14 et seq ibid) xehdet li kienet, wahedha, qed issuq il-karozza numru EAK 068, gejja mill-Belt Valletta. Meta waslet fl-imsemmija lokalita sabiex iddur lejn il-lemin fid-direzzjoni ta' Tas Sliema, hi rat li d-dwal tat-traffiku kienu homor u b'hekk waqfet, minghajr vetturi ohrajn quddiemha. Waqt li kienet ghadha wieqfa, hi rat, mill-mera ta' barra, il-bus numru EBY 958, misjuqa mill-konvenut "gejja (mid-direzzjoni tal-Belt Valleta) ghal fuqi". Difatti il-karozza misjuqa minnha intlaqtet "mill-istess mera 'l quddiem" waqt li d-dwal kienu ghadhom homor. In rigward l-imsemmi skizz, li ma qablitx mieghu peress li l-karozza taghha "kienet aktar il-quddiem lejn id-dwal tat-traffiku. Inolte wara l-incident, l-istess karozza "ma spiccatx mghawga kif murija fuq l-iskecc". Inoltre hi allegat li "is-Surgent, minghajr ma hax "measurements" gaghlni ncaqqlaq (wara li ghamel marki bil-gibs fuq it-triq) minn fuq il-post" avolja it-traffiku, kuntrarjament ghal dak li xehed l-istess PS 1373 John Micallef, kien baqa ghaddej fuq il-lemin tax-xarabank. In kontro ezami, hi cahdet li hi kienet gejja "…. Minn xi hanut tal-fjuri faccata. Pero hi

kompliet tghid li filfatt "…. Kont waqaft sabiex niehdu l-petrol minghand dik is-service station li qieghda qabel ma ddur mar-roundabout u li "ghadha in linea mal-istess traffic lights". Inoltre u sussegwentement hi xtrat pjanta minn hanut tal-pjanti, immedjatament wara is-service station fejn halliet il-karozza taghha.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 30 u 31 ibid) spjega li meta qorob lejn l-imsemmija dwal sabiex jdur lejn il-lemin madwar il-Monument imsemmi, l-istess dwal kienu homor. Ghalhekk hu waqaf u stenna sabiex jinbidel il-kulur tad-dwal, b'karozza ohra quddiemu. Meta id-dwal saru sofor, hu ingrana u kif qala , dahlet go fih, fuq ix-xellug il-karozza misjuqa mill-attrici. Hu semma li l-attrici, wara l-incident, semmiet "li kienet gejja minn naha tal-pjanti" liema hanut "qieghed mal-hajt l-iehor fid-direzzjoni ta' Birkirkara".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti li ghandha zewg versonijiet konfliggenti bejniethom. Ghalhekk, l-istess Qorti esaminat, bir-reqqa, ix-xhieda moghtija mill-partijiet involuti f'dan il-kaz flimkien mal-iskizz maghmul u sottomess mill-uniku xhud indipendenti f'dan il-kaz PS 1373 John Micallef. Minn tali analisi, jidher li l-atturi ma ppruvaw kif jinkombi fuqhom li l-konvenut, kien, fuq basi ta' probabilita, responsabbli ghal dan l-incident minhabba "culpa" fis-sewqan da parti ta' dan. Anzi, hemm indikazzjonijiet anke mix-xhieda tal-attrici li din ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-istess incident minhabba li hi esegwiet manuvra pjuttost imprudenti da parti taghha billi saqet il-karozza taghha mid-direzzjoni taz-zewg stabbilimenti kummercjali, imsemmijin minnha stess fil-kontro esami taghha sabiex traversalment, tidhol fejn hemm id-dwal tat-traffiku sabiex tmur lejn Ta' Xbiex via Rue D'Argens. Tali manuvra certament, ma setghetx tigi notata mill-konvenut waqt li kien fuq ix-xarabank tieghu. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur